

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1957**tad-29 ta' Ottubru 2015****li temenda id-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, il-miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja għandhom jiġu estiżi sad-29 ta' Frar 2016.
- (3) L-informazzjoni relatata ma' ċerti persuni u entitajiet fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif stipulat fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandha tiġi aġġornata.
- (4) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża T-276/12, *Y. Chyzh u oħrajn v. il-Kunsill* ⁽²⁾ ma għadx hemm raġunijiet sabiex erba' entitajiet jinżammu fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif stipulat fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (5) Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-miżuri restrittivi imposti fuq ċerti persuni u entitajiet indikati skont id-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandhom jiġu sospiżi sad-29 ta' Frar 2016.
- (6) Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sad-29 ta' Frar 2016.
 2. Il-miżuri msemija fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4, dment li japplikaw għal persuni jew entitajiet elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sad-29 ta' Frar 2016.
 3. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħha ma ntlaħqux.;
- (2) L-Anness huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni u t-terminu "Anness" għandu jiġi sostitwit b'"Anness I" kullimkien fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK, ħliet għall-Artikolu 6(1), li t-terminu "l-Anness" li jinsab fih għandu jiġi sostitwit bit-terminu "Annessi I u II";
 - (3) It-test tal-Anness II għal din id-Deċiżjoni għandu jidjed bħala l-Anness II għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

⁽²⁾ Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Ottubru 2015. Yury Aleksandrovich Chyzh v. il-Kunsill, T-276/12, ECLI:EU:T:2015:748 (Għadha mhijjex ippubblikata fil-*Ġabra tal-Każijiet*).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ASSELBORN

ANNEX I

I. L-entitajiet li ġejjin għandhom jitħassru mil-lista li tinsab fil-Parti B (Entitajiet) tal-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK:

8.	LLC Triple Metal Trade
10.	JV LLC Triple-Techno
18.	MSSFC Logoysk
19.	Triple-Agro ACC

II. L-entrati għall-persuni li ġejjin li jinsabu fil-Parti A tal-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
4.	Alinikau Siarhei Aliksandravich (Alinikau Siarhey Alyaksandravich) Aleinikov Sergei Aleksandrovich	АЛИНИКАЎ, Сяргей Аляксандравіч	АЛЕЙНИКОВ, Сергей Александрович	Indirizz: Исправительное учреждение "Исправительная колония № 17" управления Департамента исполнения наказаний МВД Республики Беларусь по Могилевской области, г. Шклов, Могилевская область	Maġġur, kap tal-unità operattiva tal-kolonja penali IK-17 fi Shklov. Tefa' pressjoni fuq prigionieri politiċi billi ċaħħadhom mid-dritt tagħhom ta' korrispondenza u laqgħat, ħareġ ordnijiet biex jiġu soġġetti għal reġim kriminali aktar strett, tiftix u heddidhom sabiex jikseb konfessjonijiet. Huwa kien direttament responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' prigionieri politiċi u attivisti tal-oppożizzjoni fl-2011-2012 bl-użu ta' forza eċċessiva kontrihom. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
7.	Ananich, Liliia Stanislavauna (Ananich, Lilia Stanislavauna; Ananich, Liliya Stanislavauna) Ananich, Liliia Stanislavovna (Ananich, Lilia Stanislavovna; Ananich, Liliya Stanislavovna)	АНАНІЧ, Лілія Станіславаўна	АНАНИЧ, Лилия Станиславовна	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Leonovo, district of Borisov, region of Minsk ID: 4020160A013PB7 Indirizz: 220004, г. Минск, пр. Победителей, 11 Министерство информации Belarus	Ministru tal-Informazzjoni mit-30.6.2014 'il hawn, kienet l-Ewwel Viċi Ministru tal-Informazzjoni. Sa mill-2003 kellha rwol prinċipali fil-promozzjoni tal-propaganda tal-istat, li tipprovoka, tappoġġa u tiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, u billi trażżan il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni. L-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili jitpinġew sistematikament b'mod negattiv u derogatorju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
10.	Atabekau, Khazalbek Bakhtibekavich Atabekov, Khazalbek Bakhtibekovich	АТАБЕКАЎ, Хазалбек Бакхібекавіч	АТАБЕКОВ, Хазалбек Бахтибекович (АТАБЕКОВ, Кхазалбек Бахтибекович)	Indirizz: Главное Управление Командующего Внутренними Войсками 220028 г. Минск, ул. Маяковского, 97	Kurunell, Viċi Kap tad-Dipartiment tat-taħriġ fil-ġlied tat-truppi tal-Ministeru tal-Intern, eks kmandant ta' brigata speċjali ta' Truppi Interni fis-subborg ta' Uruchie, f'Minsk. Huwa kkmanda l-unità tiegħu matul it-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010 fejn sar użu eċċessiv ta' qawwa. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
11.	Badak Ala Mikalaeuna Bodak Alla Nikolaevna	БАДАК, Ала Мікалаеўна	БОДАК, Алла Николаевна	Data tat-twelid: 30.8.1967 Numru tal-passaport: SP0013023 Indirizz: 220004, г.Минск, ул. Коллекторная, 10 Министерство юстиции (10 Kollektornaya str.) Belarus	Viċi Ministru tal-Ġustizzja, inkarigata mis-superviżjoni u l-kontroll tal-Avukatura, li qabel kienet inkarigata mill-appoġġ legali għall-istituzzjonijiet li jabbozzaw atti leġislattivi u regulatorji. Hija kienet responsabbli għar-rwol u l-azzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-ġudikatura tal-Bjelorussja, li huma strumenti ewlenin tar-repressjoni tal-popolazzjoni, billi elaborat liġijiet li huma repressivi fir-rigward tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.
12.	Bakhmatau, Ihar Andreevich Bakhmatov, Igor Andreevich	БАХМАТАЎ, Ігар Андрэвіч	БАХМАТОВ, Игорь Андреевич		Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala eks Viċi Kap tal-KGB, inkarigat mill-persunal u l-organizzazzjoni tad-dmirijiet ta' tagħhom, kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Ġie riassenjat mal-forzi tar-riżerva f'Mejju 2012.
16.	Barouski Aliaksandr Genadzevich Borovski Aleksandr Gennadieievich	БАРОЎСКІ, Аляксандр Генадзевіч	БОРОВСКИЙ, Александр Геннадиевич	Indirizz: Прокуратура Октябрьского района 220039 г.Минск, ул. Авакяна, 32	Viċi Prosekutur tad-Distrett ta' Oktjabrski (Kastrichnitski) ta' Minsk. Huwa ttratta l-kawża ta' Pavel Vinogradov, Dmitri Drozd, Ales Kirkevich u Vladimir Homichenko. L-akkuża ppreżentata minnu kellha motivazzjoni politika ċara u imminenti u kienet ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija kienet ibbażata fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, mhux sostnuta b'evidenza, provi jew testimonjanzi tax-xhieda.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
17.	Barsukou, Aliaksandr Piatrovich Barsukov, Aleksandr Petrovich	БАРСУКОЎ, Аляксандр Пятровіч	БАРСУКОВ, Александр Петрович	Data tat-twelid: 29.4.1965 Indirizz: Беларусь, 220007 г. Минск, переулок Добромысленский, 5 ГУВД Минского Горисполкома	Ġeneral, Kap tal-pulizija ta' Minsk. Sa mill-ħatra tiegħu bħala Kap tal-pulizija ta' Minsk fil-21 ta' Ottubru 2011, kien responsabbli, bħala kmandant, għar-repressjoni ta' madwar tużżana dimostrandanti paċifiċi f'Minsk, li aktar tard ġew ikkundannati għal ksur ta' liġi favvenimenti tal-massa. Għal diversi snin huwa kkmanda l-azzjoni tal-pulizija kontra d-dimostrazzjonijiet fit-toroq tal-oppożizzjoni.
22.	Bileichyk, Aliaksandr Uladzimiravich Bileichik, Aleksandr Vladimirovich (Bileychik, Aleksandr Vladimirovich)	БЛЕЙЧЫК, Аляксандр Уладзіміравіч	БЛЕЙЧИК, Александр Владимирович	Data tat-twelid: 1964	Kien l-ewwel Viċi Ministru tal-Ġustizzja (sa Diċembru 2014), inkarigat mis-servizzi ġudizzjarji, l-istatus ċivili u s-servizzi notarili. Il-funzjonijiet tiegħu jinkludu s-superviżjoni u l-kontroll tal-Avukatura. Kellu rwol prinċipali fit-tneħħija mill-professjoni kważi sistematika tal-avukati li ddefendew priġunieri politiċi.
25.	Bulash, Ala Biukbalauna Bulash, Alla Biukbalovna	БУЛАШ, Ала Бюкбалаўна	БУЛАШ, Алла Бюкбаловна		Eks Viċi President tal-Qorti Distrettwali ta' Kastrichnitski ta' Minsk responsabbli għall-materji kriminali u eks imhalef tal-Qorti Distrettwali ta' Oktiabrski (Kastrichnitski) ta' Minsk. Hija trattat il-kawża ta' Pavel Vinogradov, Dmitri Drozd, Ales Kirkevich, Andrei Protasenia u Vladimir Homichenko. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien jikkostitwixxi ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.
28.	Busko, Ihar Iauhenavich (Busko, Ihar Yauhenavich Busko, Igor Evgenievich (Busko, Igor Yevgenyevich)	Бусько, Ігар Яўгенавіч	Бусько, Игорь Евгеньевич	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независимости, 17	Viċi Kap tal-KGB, eks Kap tal-KGB tar-Reġjun ta' Brest. Responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fir-reġjun ta' Brest u fil-Bjelorussja.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekkar
31.	Charkas, Tatsiana Stanislavauna (Cherkas, Tatsiana Stanislavauna) Cherkas, Tatiana Stanislavovna	Чаркас, (ЧЭРКАС) Таццяна Станіславаўна	Черкас, Татьяна Станиславовна	Indirizz: Суд Партизанского района г. Минска 220027, г. Минск, ул. Семашко, 33	President tal-Qorti Distrettwali ta' Partizanski ta' Minsk, eks Viċi President tal-Qorti Distrettwali ta' Frunzenski ta' Minsk, eks imhalled tal-Qorti Distrettwali ta' Frunzenski ta' Minsk, li qed tittratta l-kawżi tad-dimostranti Aleksandr Otroshchenkov (ikkundannat għal 4 snin priġunerija taħt kondizzjonijiet ristretti), Aleksandr Molchanov (3 snin) u Dmitri Novik (3,5 snin priġunerija taħt kondizzjonijiet ristretti). Responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali politikament motivati kontra r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.
38.	Davydzka, Henadz Branislavavich Davydko, Gennadi Bronislavovich	ДАВИДЗЬКА, Генадзь Браніслававіч	ДАВЫДЬКО, Геннадий Брониславович	Data tat-twelid: 29.9.1955, Senno, Vitebsk region Indirizz: Белтеле-радиокомпания, ул. Макаенка, 9, Минск, 220807, Беларусь	President tal-kumpannija Radio-TV tal-Istat mit-28 ta' Diċembru 2010 'il hawn. Jiddeskrivi lilu nnifsu bħala demokratiku awtoritarju, kien responsabbli għall-promozzjoni tal-propaganda tal-Istat fuq it-TV, li appoġġat u ġġustifikat ir-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. L-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili jitpinġew sistematikament b'mod negattiv u derogatorju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata.
40.	Dysko, Henadz Iosifavich Dysko, Gennadi Iosifovich	ДЫСКО, Генадзь Іосіфавіч	ДЫСКО, Геннадий Иосифович	Data tat-twelid: 22.3.1964 Post tat-Twelid: Oshmiany, Hrodna region Indirizz: 210601 г.Витебск, ул. Жесткова, 14а (ul. Zhestkova, 14a Vitebsk)	Kap prosekutur tar-Reġjun ta' Vitebsk minn Ottubru 2006. Responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. Dan jinkludi r-responsabbiltà għal kawżi kontra Siarhei Kavalenka u Andrei Haidukow.
41.	Dzemiantsei, Vasil Ivanavich (Dzemyantsey, Vasil Ivanovich) Dementei, Vasili Ivanovich (Dementey, Vasili Ivanovich)	ДЗЕМЯНЦЕЙ, Васіль Іванавіч	ДЕМЕНТЕЙ, Василий Иванович	Data tat-twelid: 20.9.1954 Post tat-Twelid: Chashniki district, Vitebsk region ID: 3200954E045PB4 Indirizz: Гродненская региональная таможня 230003, г. Гродно, ул. Карского, 53	Kap tal-Kumitat reġjonali tad-Dwana ta' Hrodna, (mit-22 ta' April 2011), kien l-Ewwel Viċi President tal-KGB (2005-2007), eks Viċi Kap tal-Kumitat tad-Dwana tal-Istat (2007-2011). Huwa responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, b'mod partikolari fl-2006 u l-2007.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
42.	Dziadkou, Leanid Mikalaevich Dedkov, Leonid Nikolaevich	ДЗЯДКОЎ, Леанід Мікалаевіч	ДЕДКОВ, Леонид Николаевич	Data tat-twelid: 10.1964 ID: 3271064M000PB3	Eks Viċi Kap tal-KGB (2010 sa Lulju 2013), inkarigat mill-intelligence es-tera. Kien responsabbli wkoll ma' oħrajn għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u oppożizzjoni demokratika.
48.	Halavanau, Viktor Ryhoravich Golovanov, Viktor Grigorievich	ГАЛАВАНАЎ, Віктар Рыгоравіч	ГОЛОВАНОВ, Виктор Григорьевич	Data tat-twelid: 15.12.1952, Borisov Indirizz: ul. Oktyabrskaya, 5 Minsk	Rettur tal-"Istitut privat tad-Dritt tal-Bjelorussja". Bħala eks Ministru tal-Ġustizzja, is-servizzi tiegħu fasslu li għajet li huma repressivi lejn is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Huwa wkoll ċaħad jew neħħa r-reġistrazzjoni lil NGOs u partiti politiċi u injora atti illegali mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà kontra l-polazzjoni.
50.	Herasimenka, Henadz Anatolievich Gerasimenko, Gennadi Anatolievich	ГЕРАСИМЕНКА, Генадзь Анатольевіч	ГЕРАСИМЕНКО, Геннадий Анатольевич	Indirizz: "Институт национальной безопасности Республики Беларусь" 220034, г.Минск, ул.3. Бядули, 2	Viċi Kap tal-Istitut tas-Sigurtà Nazzjonali (skola tal-KGB) u eks Kap tal-KGB tad-Distrett ta' Vitebsk. Responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fir-reġjun ta' Vitebsk.
54.	Hrachova, Liudmila Andreeuna (Hrachova, Lyudmila Andreyeuna) Gracheva, Liudmila Andreevna (Grachova, Lyudmila Andreyevna; Grachiova, Ludmila Andreevna)	ГРАЧОВА, Людміла Андрэеўна	ГРАЧЕВА, Людмила Андреевна	Indirizz: Суд Ленинского района города Минска ул. Семашко, 33 220027, г. Минск	Eks imħallef u Viċi President tal-Qorti Distrettwali ta' Leninski ta' Minsk. Trattat il-kawża tal-eks kandidati presidenzjali Nikolai Statkevich u Dmitri Uss, kif ukoll tal-attivist politiċi u tas-soċjetà ċivili Andrei Pozniak, Aleksandr Klaskovski, Aleksandr Kvetkevich, Artiom Gribkov u Dmitri Bulanov. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien jikkostitwixxi ksar ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.
55.	Hureeu Siarhei Viktaravich (Hureyeu Siarhey Viktaravich) Gureev Sergei Viktorovich, (Gureyev Sergey Viktorovich)	ГУРЭЭЎ, Сяргей Віктаравіч	ГУРЕЕВ, Сергей Викторович		Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala eks Viċi Ministru tal-Intern u Kap tal-Investigazzjoni Preliminari, huwa kien responsabbli għas-soppressjoni vjolenti ta' protesti u ksar tad-drittijiet tal-bniedem matul il-proċedimenti tal-investigazzjonijiet fir-rigward tal-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. Ingħaqad mal-forzi ta' riżerva fi Frar 2012. Attwalment huwa Ġeneral fil-forzi ta' riżerva.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
60.	Iaruta, Viktar Heorhevich (Yaruta, Viktar Heorhevich) Iaruta, Viktor Gueorguievich (Yaruta, Viktor Gueorguievich)	ЯРУТА, Віктар Георгіевіч	ЯРУТА, Виктор Георгиевич		Kap tal-Bord tal-KGB għall-Komunikazzjonijiet tal-Istat. Responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjeta' ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.
61.	Iasianovich, Leonid Stanislavovich (Yasianovich, Leonid Stanislavovich) Iasenovich, Leonid Stanislavovich (Yasenovich, Leonid Stanislavovich)	ЯСЯНОВІЧ, Леанід Станіслававіч	ЯСЕНОВИЧ, Леонид Станиславович	Data tat-twelid: 26.11.1961 Post tat-Twelid: Buchani, Vitebsk district Indirizz: Glavnoye Upravlenie Yustitsy Mingorispolkoma 220030 Minsk Prospekt Nezavisimosti 8 Numru tal-passaport: MP0515811	L-ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Prinċipali tal-Ġustizzja tal-Amministrazzjoni tal-Belt ta' Minsk. Eks Viċi President tal-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Minsk, eks Imħallef tal-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Minsk. Fis-6 ta' Awwissu 2006, ikkundanna għall-ħabs lill-attivisti tas-soċjeta' ċivili tal-Inizjattiva Ċivika "Sħubija" talli mmonitorjaw l-elezzjonijiet Presidenzjali fl-2006. Nikolai Astreiko għe kkundannat għal sentejn ħabs, Timofei Dranchuk għal sena, Aleksandr Shalaiko u Enira Bronitskaya għal 6 xhur. Fl-2007, 2010, 2011 u 2012, huwa kkundanna diversi attivisti għal jiem il-ħabs; partikolarment fl-20 ta' Diċembru 2010, huwa kkundanna lil Andrei Luhin, Serhey Krauchanka u Stanislau Fedorau għal 10 jjiem ħabs, u lil Volha Chernykh għal 12-il jum ħabs. Fil-21 ta' Diċembru 2010, ikkundanna lil Mykalai Dzemidenka għal 15-il jum ħabs. Fl-20 ta' Diċembru 2011, huwa kkundanna żewġ attivisti li pparteċipaw f'azzjoni marbuta mal-anniversarju tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, Vassil Parfenkau u Sjarhey Pavel rispettivament għal 15 u 12-il jum ħabs. Fis-6 ta' Settembru 2012, huwa kkundanna lil Aliaksey Tseply għal 5 jjiem ħabs għar-reżistenza allegata għal pulizija, filwaqt li kien qed iqassam gazzetta tal-oppożizzjoni f'Minsk ċentrali. Il-mod kif mexxa l-proċessi kien jikkostitwixxi ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
62.	Iauseev, Ihar Uladzimiravich (Yauseev, Ihar Uladzimiravich; Yauseyev, Ihar Uladzimiravich) Evseev, Igor Vladimirovich (Yevseev, Igor Vladimirovich; Yevseyev, Igor Vladimirovich)	ЯЎСЕЕЎ, Ігар Уладзіміравіч	ЕВСЕЕВ, Игорь Владимирович	Data tat-twelid: 1968 Indirizz: Minsk 220073 Kalvariiskaya 29	Kap tal-Pulizija reġjonali ta' Minsk (minn Marzu jew April 2015), eks Kap tal-pulizija reġjonali ta' Vitebsk, pulizija ġenerali (mill-2013). EksViċi Kap tal-Pulizija ta' Minsk u Kap tal-iskwadra ta' kontra l-irvellijiet (OMON) ta' Minsk. Kellu l-kmand tat-truppi li xejnu d-dimostrazzjonijiet paċifiċi tad-19 ta' Diċembru 2010 u ħa sehem personalment fil-brutalità, u għal dan irċieva premju u ittra ta' rikonoxximent mill-President Lukashenka fi Frar 2011. Fl-2011, kellu l-kmand ukoll tat-truppi li rażżnu diversi protesti oħra minn attivisti politiċi u ċittadini paċifiċi f'Minsk.
63.	Ihnatovich-Mishneva, Liudmila Ignatovich-Mishneva, Liudmila	ІГНАТОВІЧ-МІШНЕВА Людміла	ИГНАТОВИЧ-МИШНЕВА Людмила		Prosekutur f'Minsk li fl-2011 kienet involuta fiċ-ċaħda tal-appell kontra s-sentenza ta' Dmitri Dashkevich u Eduard Lobov, attivisti tal-Molodoi Front (Front taż-Żgħażaġħ). Il-proċess kien jikkostitwixxi ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.
66.	Kachanau Uladzimir Uladzimiravich Kachanov Vladimir Vladimirovich	КАЧАНАУ, Уладзімір Уладзіміравіч	КАЧАНОВ, Владимир Владимирович	Indirizz: 220004, г.Минск, ул. Коллекторная, 10 Минис- терство юстиции (10 Kollektornaya str.) Belarus	Ajġutant/Konsulent għall-Ministru tal-Ġustizzja. Bħala l-ajġutant għall-Ministru tal-Ġustizzja, huwa kien responsabbli għar-rwol u l-azzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-ġudikatura tal-Bjelorussja, billi elabora li-ġijiet li huma repressivi għas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, issorvelja l-ħidma tal-imħallfin u l-prosekuturi, ċaħad jew neħħa r-reġistrazzjoni għal NGOs u partiti politiċi, ħa deċiżjonijiet kontra avukati li jiddefendu l-priġunieri politiċi, kif ukoll injora deliberatament l-atti illegali mwettqa mis-servizzi tas-sigurtà kontra l-popolazzjoni.
67.	Kadzin, Raman Viktaravich Kadin, Roman Viktorovich	КАДЗІН, Раман Віктаравіч	КАДИН, Роман Викторович	Data tat-twelid: 17.7.1977 Present passport: MP3260350	Uffiċjal Kmandant tal-Provvista Teknika u tal-Armi tas-Servizz tal-Għassa Motorizzata. Fi Frar 2011, huwa rċieva premju u ittra ta' rikonoxximent mill-President Lukashenka għall-parteċipazzjoni attiva tiegħu u l-implimentazzjoni tal-ordnijiet matul ir-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
68.	Kakunin, Aliaksandr Aliaksandravich (Kakunin, Aliaxandr Aliaxandravich) Kakunin, Aleksandr Aleksandravich (Kakunin, Alexandr Alexandrovich)	КАКУНИН Александр Александрович	КАКУНИН Александр, Александрович	Indirizz: Исправительная колония № 2 213800, г. Бобруйск, ул. Сикорского, 1	Kap tal-kolonja penali IK-2 f'Bobruisk, responsabbli għat-trattament inuman tal-priġunieri politiċi A. Sannikau u A. Beliatski fil-kolonja penali IK-2 f'Bobruisk. Attivisti tal-oppożizzjoni ġew ittorturati, imċaħħda mill-aċċess għall-avukati u mqiegħda fl-iżolament fil-kolonja penali taħt is-supervizzjoni tiegħu. Kakunin għamel pressjoni fuq A. Beliatski u A. Sannikau sabiex iġiegħelhom jif-firmaw appell għal maħfra.
69.	Kalach, Uladzimir Viktaravich Kalach, Vladimir Viktorovich	КАЛАЧ, Уладзімір Віктаравіч	КАЛАЧ, Владимир Викторович		Kap tal-KGB tar-reġjun u l-belt ta' Minsk u eks Viċi Kap tal-KGB għal Minsk. Responsabbli għall-attività repressiva tas-soċjetà ċivili tal-KGB u l-oppożizzjoni demokratika f'Minsk.
73.	Kanapliou, Uladzimir Mikalaevich Konoplev, Vladimir Nikolaevich	КАНАПЛЁЎ, Уладзімір Мікалаевіч	КОНОПЛЁВ, Владимир Николаевич	Data tat-twelid: 3.1.1954 Post tat-Twelid: Akulintsi, Mohilev region ID: 3030154A124PB9 Indirizz: 220114, Filimonova Str., 55/2, Minsk, Belarus	Huwa għandu rabtiet mill-qrib mal-President Lukashenka li miegħu ħadem mill-qrib matul is-snin tmenin u l-aktar fis-snin diġhin. Viċi Kap tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali (Il-Kap huwa Alexandr Lukashenka). Kap tal-Federazzjoni tal-Handball, elett mill-ġdid fl-2014. Eks President tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament. Kien wieħed mill-atturi ewlenin fl-elezzjoni presidenzjali frodulenti fl-2006.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
80.	Kazheunikau Andrey Kozhevnikov Andrey	КАЖЭЎНИКАЎ, Андрэй	КОЖЕВНИКОВ, Андрей		Kap tal-Kumitat Investigattiv tad-distrett ta' Oktiabrsky ta' Minsk, Eks prosekutur pubbliku tal-kawża kontra l-eks kandidati presidenzjali Vladimir Neklyaeв, Vitaly Rimashevsky, il-membri tat-tim tal-kampanja ta' Neklyaeв, Andrei Dmitriev, Aleksandr Feduta u Sergei Vozniak, kif ukoll il-Viċi President tal-Front taż-Żgħażaġħ, Anastasia Polozhanka. L-akkuża ppreżentata minnu kellha motivazzjoni politika ċara u imminenti u kienet tikser b'mod ċar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija kienet ibbażata fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, mhux sostnuta b'evidenza, provi jew testimonjanzi tax-xhieda.
83.	Kharyton, Aliaksandr Khariton, Aleksandr	ХАРЫТОН, Аляксандр	ХАРИТОН, Александр	Indirizz: 220004, г.Минск, ул. Коллекторная, 10 Минис- терство юстиции (10 Kollektornaya str.) Belarus	Konsulent Anzjan tad-Diviżjoni tal-Organizzazzjonijiet Soċjali, Partiti u NGOs tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Ilu jieħu attiv fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-2001, billi personalment ħadad li jirreġistra NGOs u partiti politiċi, li f'bosta każi wassal biex jiġu aboliti.
89.	Kisialiou, Anatol Siamionovich Kiselev, Anatoli Semenovich (Kiselyov, Anatoli Semyonovich)	КИСЯЛЕЎ, Анато́ль Сяменавіч	КИСЕЛЕВ, Анатолий Семенович	Indirizz: Брестский областной ко- митет профсоюза работни- ков государственных учреждений 224005, г. Брест, ул. К. Маркса, 19	EksKap tal-Kummissjoni Elettorali Reġjonali fir-reġjun ta' Brest għall-elezzjoni Presidenzjali tal-2010. Kap tal-Kummissjoni Elettorali Reġjonali fir-reġjun ta' Brest għall-elezzjonijiet lokali f'Marzu 2014. Kap tal-organizzazzjoni ta' trade unions reġjonali favur-ir-reġim. Bħala President ta' Kummissjoni Elettorali Reġjonali, kien responsabbli għall-ksur tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Diċembru 2010, u għal falsifikazzjonijiet fl-elezzjonijiet lokali ta' Marzu 2014 fir-reġjun ta' Brest.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
94.	Kornau, Uladzimir Uladzimiravich Kornov, Vladimir Vladimirovich	КОРНАЎ, Уладзімір Уладзіміравіч	КОРНОВ, Владимир Владимирович	Indirizz: Суд Советского района г. Минска 220113, г. Минск, Ло- гойский тракт, 3	Kap tal-Qorti Distrettwali ta' So- vetski ta' Minsk, eks Imħallef fil- Qorti tal-Belt ta' Minsk li awtorizza ċ-ċaħda tal-appell ta' Byalyatski. Byalyatski kien attiv fid-difiża u l- għoti ta' għajnunha lil dawk li soffrew minn repressjoni marbuta mal-elez- zjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-op- pożizzjoni demokratika.
95.	Korzh, Ivan Aliakseevich Korzh, Ivan Alekseevich	КОРЖ, Иван Аляксеевіч	КОРЖ, Иван Алексеевич	Indirizz: KGB Training Centre Бядулі 2, 220034, Минск	Maġġur Ġeneral, maħtur bħala l- Kap taċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-KGB, eks Kap tal-KGB tar-Reġjun ta' Hrodna. Responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fir-reġjun ta' Hrodna.
101.	Kryshtapovich, Leu Eustafievich (Kryshtapovich, Leu Yeustafievich) Krishtapovich, Lev Evstafievich (Krishtapovich, Lev Yevstafievich)	КРЫШТАПОВІЧ, Леў Еўстафьевіч	КРИШТАПОВИЧ, Лев Евстафьевич	Data tat-twelid: 1949 Post tat-Twelid: Pekalin, Smolevichi district, Minsk region Indirizz: Научно-исследовательский отдел Белорусского госу- дарственного университета культуры Минск	Kap tad-Dipartiment tar-Riċerka Xjentifika tal-Università tal-Kultura u l-Arti tal-Istat (minn Settembru 2014). Eks Viċi Direttur taċ-Ċentru tal-Informazzjoni u l-Analiżi tal- Amministrazzjoni tal-President li ja- għixxi bħala wieħed mill-għejun prin- ċipali tal-propaganda tal-istat, li ja- pogoġa u jiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s- soċjetà ċivili.
104.	Kuliashou, Anatol Nilavich Kuleshov, Anatoli Nilovich	КУЛЯШОЎ, Анатоль Нілавіч	КУЛЕШОВ, Анатолий Нилович	Data tat-twelid: 25.7.1959 Post tat-Twelid: Ali-Bai- ramly, Azerbaijan ID: 3250759A066PB3 Indirizz: 220030 Minsk, K. Marx st. 3	Konsulent fid-Dipartiment għall- għlieda kontra l-kriminalità organiz- zata, it-terroriżmu u d-drogi, il-koo- perazzjoni fil-qasam tas-sikurezza u sfidi u theddidiet ġodda għall-Kumi- tat Eżekuttiv tas-CIS. Kien involut attivamente fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorusja. Fir-rwol li kellu bħala Ministru tal-Intern ikkmanda t-truppi tal-Ministeru tal-Intern li wettqu repressjoni brutali tad-di- mostrazzjonijiet paċifiċi fid-19 ta' Di- ċembru 2010 u wera li kien kburi minn din ir-responsabbiltà. Assenjat mal-forzi ta' riżerva tal-armata f'Jan- nar 2012.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
105.	Kuzniatsou, Ihar Nikonovich Kuznetsov, Igor Nikonovich	КУЗНЯЦОЎ, Ігар Ніконавіч	КУЗНЕЦОВ, Игорь Никонович		Maġġur Ġeneral, eks Kap taċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-KGB, eks Kap tal-KGB fir-reġjun ta' Minsk u fil-belt ta' Minsk, mibgħut fil-forzi ta' riżerva. Bħala l-persuna responsabbli għat-tħejjija u t-taħriġ tal-persunal tal-KGB, huwa kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Fir-rigward tal-funzjonijiet preċedenti tiegħu, huwa kien responsabbli għall-istess attività repressiva tal-KGB fil-belt ta' Minsk u fir-reġjun ta' Minsk.
110.	Laptsionak, Ihar Mikalaevich Laptionok, Igor Nikolaevich	ЛАПЦЕНАК, Ігар Мікалаевіч	ЛАПТЕНОК, Игорь Николаевич	Data tat-twelid: 31.8.1947, Post tat-Twelid: Minsk Indirizz: 220034, г. Минск, ул. Фрунзе, 5	Membru tal-Bord tal-Għaqda tal-Kit-tieba li hija favur ir-reġim. Responsabbli għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tixrid ta' informazzjoni falsifikata permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni kkontrollati mill-Istat. Bħala eks Viċi Ministru tal-Infommazzjoni kellu rwol prinċipali fil-promozzjoni tal-propaganda tal-istat li tappoġġa u tiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. L-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili tpinġew sistematikament b'mod negattiv u derogatorju bl-użu ta' informazzjoni falsifikata u li mhix vera.
112.	Lazavik, Mikalai Ivanavich Lozovik, Nikolai Ivanovich	ЛАЗАВІК, Мікалай Іванавіч	ЛОЗОВИК Николай Иванович	Data tat-twelid: 18.1.1951 Nevinyany, Minsk region (Невиняны Вилейского р-на Минской обл) ID: 3180151H004PB2 Indirizz: 220010, г. Минск, ул. Советская, 11	Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tal-Bjelorusja. Mis-sena 2000 kien wieħed mill-atturi ewlenin involuti fil-falsifikazzjonijiet felezzjonijiet u referenda frodulenti, b'mod partikolari fl-2004, l-2006, l-2008, l-2010, l-2012, l-2014.
113.	Lemiashonak, Anatol Ivanavich Lemeshenok, Anatoli Ivanovich	ЛЕМЯШОНАК, Анатоль Іванавіч	ЛЕМЕШЕНОК, Анатолій Іванович	Data tat-twelid: 14.5.1947 Indirizz: 220013, г. Минск, ул. Б. Хмельницького 10а	President tal-Unjoni Bjelorusa tal-Ġurnalisti li hija favur ir-reġim. Kap Editur ta' "Respublika", gazzetta tal-Kunsill tal-Ministri. Fil-pożizzjoni tiegħu huwa wieħed mill-aktar membri li jinstema' u influwenti tal-magna ta' propaganda tal-Istat filmidja stampata. Huwa appoġġa u ġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, li huma sistematikament deskritti b'mod negattiv u derogatorju bl-użu ta' informazzjoni falsifikata, partikolarment wara l-elezzjonijiet presidenzjali fl-2010.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekkjoni
116.	Liushtyk, Siarhei Anatolievich (Lyushtyk, Siarhey Anatolyevich) Liushtyk, Sergei Anatolievich (Lyushtyk, Sergey Anatolyevich)	ЛЮШТЫК, Сяргей Анатольевіч	ЛЮШТЫК, Сергей Анатольевич	Indirizz: Суд Первомайского района г. Минска 220012, г. Минск, ул. Толбухина, 9	Imħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaiski ta' Minsk. Fl-2010-2011 immulta jew ikkundanna lir-rappreżentanti li għejjin tas-soċjetà ċivili għad-dimostrazzjonijiet paċifiċi tagħhom: a) 2011.7.14, Struy Vitali, 10 unitajiet bażi ta' kuljum (35 000 BLR); b) 2011.7.4, Shalamitski Paval, 10 ijiem ħabs; c) 2010.12.20, Sikirytskaya Tatsyana, 10 ijiem ħabs; d) 2010.12.20, Dranchuk Yuliya, 13-il jum ħabs; e) 2010.12.20, Lapko Mikalay, 12-il jum ħabs; f) 2010.12.20, Pramatoraw Vadzim, 12-il jum ħabs. Impona ripetutament sentenzi ta' ħabs u multi kbar kontra dawk involuti f'dimostrazzjonijiet paċifiċi u, b'riżultat ta' dan, kien responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorussja. Fl-24 ta' Lulju 2012, anki wara l-inklużjoni tiegħu fuq il-lista ta' sanzjonijiet, huwa mmulta għal ħuliganiżmu doluż lill-attivista tal-oppożizzjoni, Andrej Molchan, li ġie msawwat severament minn żewġ pulizija.
117.	Lomats, Zianon Kuzmich Lomat, Zenon Kuzmich	ЛОМАЦЬ, Зянон Кузьміч	ЛОМАТЬ, Зенон Кузьмич	Data tat-twelid: 27.1.1944, Karabani, Minsk region	Ħadem attivament biex jimmina d-demokrazija fil-Bjelorussja. Fir-rwol li kellu bħala President tal-Kumitat għall-Kontroll mill-Istat (sat-28 ta' Diċembru 2010) kien wieħed mill-persuni ewlenin involuti fil-każ ta' Ales Byalyatski, wieħed mid-difensuri mill-aktar prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, Kap taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem Bjelorusu "Vyasna", Viċi President tal-FIDH. A. Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' assistenza lil dawk li baww mir-repressjoni marbuta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
118.	Lapatka, Aliaksandr Aliaksandravich (Lapatka, Aliaxandr Aliaxandravich) Lopatko, Aleksandr Aleksandrovich (Lopatko, Alexandr Alexandrovich)	ЛОПАТКО Аляксандр Аляксандровіч	ЛАПАТКА Аляксандр Аляксандровіч	Indirizz: Исправительная колония № 9 213410, г. Горки, ул. Добролюбова, 16	Kap tal-kolonja penali IK-9 f'Horki, responsabbli għat-trattament inuman ta' D. Dashkevich, li jinkludi torturi u ċaħda tal-aċċess għal rappreżentanti legali. Lopatko kellu pożizzjoni ewlenija fil-kolonja penali fejn inżamm Dashekevich u fejn ġiet applikata pressjoni psikoloġika, inkluża ċ-ċaħda ta' irqad u l-iżolament, fuq il-priġunieri politiċi inkluż is-Sur Dashekevich.
119.	Lukashenka, Aliaksandr Ryhoravich Lukashenko, Aleksandr Grigorievich	ЛУКАШЭНКА, Аляксандр Рыгоравіч	ЛУКАШЕНКО, Аляксандр Григорьевич	Data tat-twelid: 30.8.1954 Post tat-Twelid: Копыс, Ви-тебск district Indirizz: Резиденция Президента Республики Беларусь г. Минск, ул.Кирова, д. 43	President tar-Repubblika tal-Bjelorusija.
121.	Lukashenka, Viktar Aliaksandravich Lukashenko, Viktor Aleksandrovich	ЛУКАШЭНКА, Віктар Аляксандравіч	ЛУКАШЕНКО, Виктор Александрович	Data tat-twelid: 28.11.1975 Indirizz: Администрация президента Республики Беларусь 220016, Минск, Маркса 38	Assistent/Ajġutant tal-President f'Affarijiet ta' Sigurtà Nazzjonali. F'Mejju 2013, inħatar kosupervizur tal-Kummissjoni Bjelorusa-Russa dwar l-Esportazzjoni tal-Potaxx minn misieru. Bħala wieħed mill-eqreb kollaboraturi tiegħu, kellu rwol ċentrali fil-miżuri repressivi implimentati kontra l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. Bħala membru ewlieni tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Istat, kien responsabbli għall-koordinazzjoni ta' miżuri repressivi kontra l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fir-repressjoni vjolenti tad-dimostrazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2010.
122.	Lukomski, Aliaksandr Valiantsinavich Lukomski, Aleksandr Valentinovich	ЛУКОМСКІ, Аляксандр Валянцінавіч	ЛУКОМСКИЙ, Аляксандр Валентинович	Data tat-twelid: 12.8.1971 ID: 3120871A074PB7	Kmandant tar-Riġment Speċjali tal-Ministeru tal-Intern tal-Belt ta' Minsk.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
